Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-3 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles (Carmelo) Borg**
**(ID 490871M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Charles (Carmelo) Borg, ID Card 490871M.**

Akkuzat talli nhar it-22/05/2021, ghall-habta tal-11:10am gewwa Triq l-Imdina, Birkirkara u f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Vincent Frendo (Transport Malta Enforcement Officer No. 43), persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Vincent Frendo skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' Shawn Tong, Marvin Tong, Johann Pace, Ryan Mallia u tal-*parte civile* Vincent Frendo.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat